

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-4 ta' Settembru 2008 — Gualtieri vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-413/06) ⁽¹⁾

(“Appell — Espert nazzjonali sekondat — Digriet ta' rinviu — Deċiżjoni li tista' tiġi appellata — Inammissibbiltà”)

(2008/C 272/46)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Claudia Gualtieri (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: P. Gualtieri u M. Gualtieri, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall, aġent, assistit minn G. Faedo, avukat)

Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tad-9 ta' Ottubru 2006, Gualtieri vs Il-Kummissjoni (F-53/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u li fih qed jintalab l-annullament ta' dan id-digriet.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud
- 2) Claudia Gualtieri għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll daww sostnuti mill-Kummissjoni f'din l-istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 42, 24.2.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Settembru 2008 — Alcon vs UASI — *Acric.Tec (BioVisc)

(Kawża T-106/07) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedura ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali BioVisc — Trade marks internazzjonali verbali preċedenti PROVISC u DUOVISC — Motiv relattiv għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”)

(2008/C 272/47)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Alcon Inc. (Hünenberg, l-Iżvizzera) (rappreżentanti: M. Graf u R. Schulz, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: l-ewwel S. Laitinen, wara A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: *Acric.Tec AG Gesellschaft für ophthalmologische Produkte (Hennigsdorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. von Welser, avukat)

Suġġett

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tat-8 ta' Frar 2007 (Każ R 660/2006-2) dwar proċedura ta' oppożizzjoni bejn Alcon Inc. u *Acric.Tec AG Gesellschaft für ophthalmologische Produkte.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alcon Inc. għandha tbatl l-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 129, 9.6.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Settembru 2008 — Kerstens vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-222/07 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rapport tal-iżvilupp tal-karriera — Terminu sabiex jiġi ppreżentat ilment — Tardività — Appell mhux fondat”)

(2008/C 272/48)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Petrus Kerstens (Overijse, il-Belġju) (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Martin u K. Hermann, aġenti)

Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-25 ta' April 2007, Kerstens vs Il-Kummissjoni (F-59/06, li għadu ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li fih qed jintalab l-annullament ta' dan id-digriet.

Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *Petrus Kerstens huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 199, 25.8.2007.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Awwissu 2008 — Adomex International vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-315/05) (¹)

(“Rikors għal annullament — Għajjuna mogħtija mill-awtoritajiet Olandiżi fis-settur tal-florikultura — Deċiżjoni li ma jitqajmox oġġezzjonijiet — Persuna mhux ikkonċernata indi-vidwalment — Inammissibbiltà manifesta”)

(2008/C 272/49)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Adomex International (Aalsmeer, l-Olanda) (rappreżentanti: G. van der Wal u T. Boesman, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. van Vliet u A. Stobiecka-Kuik, aġenti)

Suġġett

L-annullament tad-Deċiżjoni C (2005) 592 finali tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Marzu 2005, li ma jitqajmox oġġezzjonijiet fir-rigward tal-ghajjuna N 372/2003 dwar is-settur tal-florikultura, innotifikata mill-awtoritajiet Olandiżi.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*
- 2) *Adomex International BV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 281, 12.11.2005.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Settembru 2008 — Cofra vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-477/07) (¹)

(“Rikors għal annullament — Aċċess għad-dokumenti — Irtirar tad-deċiżjoni li rriġfut l-aċċess — Żvelar ta' dokumenti kontra r-rieda espressa tal-awtur tagħhom — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2008/C 272/50)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Cofra srl (Bari, l-Italja) (rappreżentant: A. Calabrese, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u G. Conte, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2007 li tirriġfuta lir-rikorrenti l-aċċess għal xi dokumenti mibgħuta mill-awtoritajiet Taljani lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami ta' skema ta' għajjuna mill-Istat.

Dispożittiv

- 1) *M'għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*
- 2) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

(¹) ĠU C 64, 8.3.2008.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Settembru 2008 — Nuova Agricast vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-479/07) (¹)

(“Rikors għal annullament — Aċċess għad-dokumenti — Irtirar tad-deċiżjoni li rriġfut l-aċċess — Żvelar ta' dokumenti kontra r-rieda espressa tal-awtur tagħhom — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2008/C 272/51)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Nuova Agricast (Foggia, l-Italja) (rappreżentant: A. Calabrese, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u G. Conte, aġenti)